A.L. 78 ta' l-1995

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1995 dwar il-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 dwar il-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours)— B.A. (Hons.).

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) — B.A. (Hons.);

"il-Kors" ifisser il-Kors għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) — B.A. (Hons.).

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet mibdija f'Ottubru 1990 jew wara.

Eliġibilità għall-Grad

3. Biex ikun eliġibbli għall-Grad kandidat għandu:

(a) ikun temm b'suċċess il-kors ta' l-istudji mwaqqaf għall-Grad;

(b) ikun għadda mill-eżamijiet rilevanti;

(ċ) ikun issodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha meħtieġa f'dawn ir-regolamenti u regolamenti oħra rilevanti.

Ir-Reġistrazzjoni u Rekwiżiti Speċjali tal-Kors

4. (1) Kandidat jista' jirreġistra għal kors ta' l-istudji li jwassal għall-Grad jekk:

(a) ikun issodisfa r-regolament 4(1) tar-regolamenti rilevanti tal-grad ta' B.A. jew jekk kien eżentat skond il-paragrafu (2) ta' l-istess regolament;

(b) ikun kiseb il-grad B jew aqwa fil-valutazzjoni globali ta' l-Ewwel Parti tal-kors tal-B.A. fil-qasam ta' studju li għalih jirreġistra skond il-paragrafu (5) tar-regolament 5 ta' dawk ir-regolamenti relattivi għal dak il-grad; u

(ċ) ikun kiseb il-grad D jew aqwa fil-valutazzjoni globali ta' l-Ewwel Parti tal-kors tal-B.A. fl-oqsma l-oħra kollha ta' l-istudju.

(2) Kandidat jista' jitħalla jerġa' jirreġistra u jidħol provviżorjament għal kors ta' studju li jwassal għall-Grad jekk ikun issodisfa il-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament imma jkun għad jonqsu mhux iżjed minn erba' kredti meħtieġa, jew sitt kredti jekk kien għal żjara ta' żmien twil barra minn Malta, f'istituzzjoni oħra ta' edukazzjoni terzjarja sakemm:

(a) iż-żjara ġiet magħrufa uffiċjalment mill-Bord tal-Fakultà ta' l-Arti; u

(b) il-kandidat jikseb il-kredti meħtieġa qabel ma joqgħod għall-Eżamijiet Finali.

(3) Il-kandidat ikun mistenni normalment li jgħaddi mill-ewwel, wara li jerġa' jirreġistra, mill-Ewwel Parti tal-kors tal-B.A. għal dan il-Kors; imma f'ebda każ m'għandu jkun ammess għal dan il-Kors jekk iżjed minn tliet snin għaddew wara li jkun temm l-Ewwel Parti tal-kors tal-B.A., sakemm ma jkunx hemm permess mis-Senat.

Il-kors ta' l-istudji

5. (1) Il-Kors għandu normalment jinfirex fuq perijodu ta' sentejn akkademiċi.

(2) Kandidat ma għandux jitħalla jersaq għall-Eżamijiet Finali qabel sentejn akkademiċi jew wara tliet snin akkademiċi minn meta jidħol fil-bidu għall-kors ta' l-istudji, barra fil-każ meta jkun hemm permess mis-Senat.

(3) Il-kors ta' l-istudji għandu jkun fih għadd ta' taqsimiet studju li għalihom għandu jkun mogħti total ta' mhux inqas minn tletin u mhux iżjed minn ħamsa u tletin kredtu.

(4) Fid-diskrezzjoni tad-Dipartiment rilevanti, l-għadd tal-kredti jista' jinkludi disertazzjoni li tkun tiswa ħames kredti.

(5) Taqsima studju tista' tħaddan, jew tikkonsisti għal kollox, f'xogħol iggwidat fuq il-post f'dawk l-oqsma ta' studju fejn hu xieraq. Student li jieħu taqsima studju bħal din jista' jkun meħtieġ li jagħti rapport bil-miktub dwar ix-xogħol fuq il-post li jkun għamel.

(6) Qabel ma tibda kull sena akkademika katalgu ta' taqsimiet studju għal kull qasam ta' studju, bil-kredti mogħtija lil kull taqsima studju, għandu jiġi ppubblikat mill-Bord tal-Fakultà bl-approvazzjoni tas-Senat.

(7) Il-katalgu għandu jagħti dettalji tat-taqsimiet studju f'kull qasam ta' studju msemmi direttament fil-paragrafu li ġej ta' dan ir-regolament u f'kull qasam ieħor ta' studju approvat mis-Senat minn żmien għal żmien.

(8) It-taqsimiet studju għandhom ikunu fl-oqsma ta' studju li ġejjin: Għarbi, Arkeoloġija, Studji Klassiċi, Studji tal-Kommunikazzjoni, Studji Kontemporanji Mediterranji, Ingliż, Franċiż, Storja, Taljan, Lingwistika, Malti, Filosofija, Psikoloġija, Studji Soċjali, Soċjoloġija u kull qasam ieħor, mhux bilfors fil-Fakultà ta' l-Arti, approvat mis-Senat.

(9) Ċertifikat tal-kredtu għandu jinħareġ lill-istudent wara li jkun temm b'suċċess taqsima studju. Iċ-ċertifikat għandu juri wkoll il-grad miksub mill-kandidat fix-xogħol magħmul matul it-taqsima studju jew f'test jew *assignment* fit-tmiem tagħha. Il-metodu ta' kif ikun valutat ikun fid-diskrezzjoni ta' kull Dipartiment. L-ebda kredtu ma għandu jingħata għal taqsima studju mhix mitmuma.

(10) Minkejja l-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament kandidat jista' jitħalla jirreġistra bħala student *part-time* jekk ikun hemm l-approvazzjoni tal-Bord tal-Fakultà. Hu ma jkunx jista' joqgħod għall-Eżamijiet Finali qabel erba' snin akkademiċi u iktar tard minn sitt snin wara li jkun aċċettat għall-kors ta' l-istudji, ħlief bil-permess mis-Senat, u bil-modifiki meħtieġa tal-klawsoli rilevanti.

L-Eżamijiet Finali

6. (1) Kandidat għandu jkun mistenni li jersaq għall-Eżamijiet Finali fi tmiem il-kors ta' l-istudji wara li jkun temm mill-inqas tletin taqsimiet studju fiż-żmien stabbilit.

(2) Wara li jtemm il-kors ta' studji, il-kandidat għandu jirreġistra għall-Eżamijiet Finali sa tmiem Marzu.

(3) Fil-każ ta' dawk it-taqsimiet studju li jintemmu sewwa sew qabel l-Eżamijiet Finali, jingħataw kredti lill-istudent skond ix-xogħol tiegħu matul it-taqsimiet studju.

(4) Il-valutazzjoni ġenerali tal-kandidat għall-Grad għandha tqis ir-riżultat fl-Eżamijiet Finali, u l-gradi miksuba fil-kors ta' l-istudji. Il-kandidat m'għandux jingħata l-Grad jekk ma jkunx għadda fl-Eżamijiet Finali.

(5) L-Eżamijiet Finali għandhom ikollhom ħamsin fil-mija tal-piż għall-iggradar tar-riżultati finali. Il-ħamsin fil-mija l-oħra għandhom ikunu kkalkulati fuq il-bażi ta' medja globali tal-kredti miksuba matul il-kors.

(6) Fl-Eżamijiet Finali għandhom jingħataw tmien karti fil-qasam magħżul ta' l-istudju. Jista' jsir ukoll eżami orali.

(7) Kull sena għandu jkun hemm sessjoni waħda biss ta' l-Eżamijiet Finali, u din normalment issir f'Mejju-Ġunju.

(8) L-ismijiet ta' dawk li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppubblikati fl-ordni alfabetiku f'lista maqsuma kif ġej:

L-Ewwel Klassi *Honours*
It-Tieni Klassi *Honours* (Taqsima Superjuri)
It-Tieni Klassi *Honours* (Taqsima Inferjuri)
It-Tielet Klassi *Honours*
Għadda

(9) Kandidat li jeħel fl-Eżamijiet Finali jista' jitħalla jerġa' jippreżenta ruħu għalihom darba waħda biss, fis-sena ta' wara. F'dan il-każ il-kandidat jista' jikseb biss il-grad Għadda.

Disposizzjoni Transitorja

7. Kandidati reġistrati bħala studenti tal-B.A.(Hons) fil-Fakultà ta' l-Arti fil-ħarifa ta' l-1989 jistgħu jkomplu l-istudji tagħhom għal dak il-grad taħt ir-regolamenti applikabbli għalih f'Ottubru 1989. Dawk il-kandidati li talbu li jirreġistraw għal dak il-grad fil-ħarifa tas-snin 1990, 1991 jew 1992 jistgħu jkomplu l-istudji tagħhom taħt dawk ir-regolamenti biss jekk ikollhom il-grad ta' B.A. tal-Fakultà ta' l-Arti fil-kategorija I jew II.